KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 93

It-tlieta u disgħin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet l-Erbgħa 13 ta' Frar 2019 fis-6pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **ASSENTI B'APPOLOGIJA** **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | | |
| | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| **ASSENTI** | Michael Briguglio | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta bdiet fis-18.15 b'din l-Agenda:*

*93.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;*
*93.2 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji tas-sena 2018*
*93.3 Approvazzjoni tal-Budget 2019*

## 93.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

93.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa bl'ittri t'apoloġija tal-Viċi Sindku, il-Kunsilliera N. Castalsi Paris u D. Muscat. Kien hemm qbil li jiġu reġistrati bħala Assenti b'Apologija.

## 93.2 APPROVAZZJONI TAL-ESTIMI FINANZJARJI TAS-SENA 2018

93.2.1 Il-Kunsill ingħata prezentazzjoni tar-rapport finanzjarju mill-accountant tal-Kunsill Lokali.

93.2.2 L-accountant fakkar li dawn ir-rapporti għadhom iridu jiġu awditjati u l-Kunsill mexa mad-direttivi tad-DLG, jista jagħti l-kaz li jintalbu xi aġġustamenti mill-awdituri. Ir-rapport finali ikun dak l-uffiċjali.

93.2.3 Fost diversi punti, il-Kunsill ġie avzat li għadu kif irċieva ittra mil-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma li l-Kunsill għandu jagħti madwar Eur 130,000 għaliex l-ARMS ma kinitx daħlet l-ammont tal-konsum tal-ilma fil-kontijiet ta' perjodu partikolari ta' Gnien Bonello Du Puis. Il-Kunsill dejjem ħallas dak l-ammont li ġie pprezentat mill-ARMS kull darba li ntbgħat kont. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jikseb parir legali dwar dan il-kaz. Il-Kunsill għandu jsaqqsi wkoll lill-WSC, minn fejn ġab il-kalkolu wara dawn is-snin kollha.

93.2.4 Dwar Triq il-Kbira, il-Kunsill ġie infurmat li għadu ma rċeviex mill-PA biex jmur jiffirma l-ftehim ta' finanzjament mill-fond tal-UDF.

93.2.5 Is-Segretarju Ezekuttiv talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jkun hemm *write off (receivable)* għall-ammont ta' Eur 349 dan kien ammont antik li ilu fil-kotba li minkejja l-Kunsill ikun saqsa għal diversi drabi dan baqa ma ħallasx. Kien hemm qbil li dan jiġi *written off* mil-kotba tal-Kunsill. Talba oħra li saret għal *write off (liability)* hija għall-ammont ta' EUR 116,572 biex dawn il-flus jiġu rilaxxati wara li l-Kunsill kien zam minħabba kaz partikolari mill-Kunsill preċedenti. Kien hemm qbil li dan għandu jitneħħa permezz ta' *Write offs*

*backing* legali.

93.2.6 L-accountant qal li l-indikatur tal-pozizzjoni finanzjarja tal-Kunsill fil-31 ta Diċembru 2018 kien ta' 25.9%, u li għalkemm meta mqabbel mal-2017 (27.85%) dan nizel bi ftit, xorta waħda l-pozizzjoni finanzjarja u likwida tal-Kunsill tibqa waħda b'saħħita hafna. Minkejja dan il-Kunsill ingħata l-parir li b'dan ir-rizultat pozittiv ma jfissirx illi l-Kunsill jista jonfoq mingħajr direzzjoni, izda għandu jibqa jzomm mal-pjan ta' ħidma b'mod kawt.

93.2.7 Il-Kunsill approva l-estimi finanzjarji 2018.

**93.3 APPROVAZZJONI TAL-BUDGET 2019**

93.3.1 L-accountant tal-Kunsill ta' spjega tal-Budget *draft* 2019.

93.3.2 Fost diversi punti ġiet diskussa l-ispiza kapitali tal-latrina pubblika ta' Ferro Bay. Il-Kunsillier P. Radmilli propona li l-Kunsill għandu jitlob li ssir min-naħa tal-Lands Authority peress li l-istruttura ma taqax taħt ir-responsabbilita tal-Kunsill. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jibgħat talba lil Lands Authority.

Is-Segretarju Ezekuttiv izda irrimarka li ser jikteb lill-Lands Authority, imma skond il-ligi l-manutenzjoni ta' latrina taqa' taht l-Kunsill Lokali. L-Lands Authority ghanda biss it-titolu tal-art. Il-Kunsillier P. Radmilli sostna illi dan il-kaz mhux manutenzjoni regolari, izda ħsara straordinarja.

93.3.3 Kien hemm qbil li l-attivitajiet kulturali li jsiru mal-baned b'kollaborazzjoni mal-Kunsill, il-Kunsill jagħmel budget ta' Eur 1700 kull wieħed.

93.3.4 Kien hemm qbil li jsir *finance committee meeting* nhar it-Tlieta 19 ta' Frar 2019 fis-6pm.

93.3.5 Il-Kunsill approva l-budget 2019.

Is-seduta ntemmet fid-9pm.

Minuti approvati llum 20 ta' Frar 2019

(IFFIRMATA)

**Anthony Chircop**
**Sindku**

(IFFIRMATA)

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**